# Biex Ma Ninsewx

kitba ta' Anthony Fenech

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. Iż-żmien ibiddel u dak li kien jispiċċa u ma jerġax jiġi, jintesa' u ma jsemmih ħadd aktar. Imma dak li jinkiteb jibqa' u ma jħassru ħadd. Xi drabi jgħaddi minn moħħok dak li tkun tiftakar mill-imgħoddi; ħsibijiet li jgħaddu u jmorru mal-oħrajn. Ħsibt għalhekk li niktibhom biex min jaqra jsir jafhom hu wkoll.

## L-ilma

Illum jekk trid l-ilma – biex issajjar, għall-ħasil, għax-xorb, biex issaqqi l-qsari u l-bqija – kemm tmur fil-kċina, fil-bitħa jew fil-kamra tal-banju u tiftaħ il-vit. Meta kont tifel ma kienx hekk. Ftit kienu dawk li kellhom vit tal-ilma d-dar. U dawk il-ftit kellhom vit wieħed, aktarx ħdejn il-bieb ta' barra. Il-bqija tal-familji kienu jmorru b'xi barmil jew kitla fuq il-għajn biex jimlew. Bosta drabi kien ikollhom joqogħdu fil-kju. Dawn l-għejjun kien jipprovdihom il-gvern u l-ilma kien bla ħlas. Niftakar li ħdejn il-kappella ta' Sant'Andrija, flok vit kien hemm pompa ttella' l-ilma mill-ġiebja li hemm taħt il-pjazza. Din il-ġiebja kienet timtela' mix-xita li taqa' fuq il-bejt tal-kappella li semmejna u kien tajjeb għax-xorb ukoll. Ftit taż-żmien ilu l-Kunsill Lokali ħaseb biex iwaħħal replika ta' din il-pompa biex tibqa' tfakkarna f'dik li kien hemm qabel. Naturalment din ta' issa ma ttellgħax ilma! Niftakar li taħt il-għajn jew pompa, il-gvern kien jagħmel bħal speċi ta' ħawt baxx biex l-ilma li jinħela jbqa' miġbur u ma jixteridx mat-triq. Fir-rebbiegħa u s-sajf kien jinġabru madwar dan l-ilma numru kbir ta' mazzarelli kbar ħomor li t-tfal kienu jaqbdu permezz ta' biċċa kartuna mwaħħla ma' qażba. Kienu jorbtuhom b'ħajta u jehdew iħarsu lejhom itiru sakemm jippermettilhom it-tul tal-ħajta.

Kważi f'kull dar kont issib il-bir li kien jimtela' mil-ilma tax-xita li jaqa' fuq il-bejt. Billi maħżun taħt l-art, dan l-ilma kien iżomm l-istess temperatura s-sena kollha, għalhekk kien jinħass frisk fis-sajf u fietel fix-xitwa. Biex l-ilma tal-bir ikun tajjeb għax-xorb, il-bejt kien jinżamm nadif kemm jista' jkun u l-ebda kelb jew qattus ma kien jitħalla fuqu. Dak iż-żmien il-kaxxa tal-kesħa, jew friġġ, ħadd ma kien għadu jaf biha u fis-sajf xi biċċa laħam kienet tiddendel ġo qoffa fil-bir biex tibqa' friska.

Billi t-toroq kienu kollha trab, qabel xi purċissjoni, jew xi drabi fis-sajf, kienet tiġi ddur il-bexxiexa. Din kienet tank mimli bl-ilma fuq karettun miġbud minn ħmar jew żiemel. Mit-tank toħroġ manka tal-luna u fit-tarf bħal ġolġol kbir imtaqqab marbut b'biċċa ħabel. Waqt li l-karettun jitmexxa qajl qajl, ikun hemm raġel jimxi wara l-karettun bit-tarf tal-ħabel f'idu jbandal il-ġolġol 'l hawn u 'l hemm bl-ilma dejjem ħiereġ biex jgħin iraqqad it-trab u ma jħallihx itir mar-riħ jew mas-saqajn.

## Il-knisja

Dari n-nies kienet tmur il-knisja aktar spiss mil-lum. Illum ħafna festi bl-obbligu tal-Quddies fost il-ġimgħa tneħħew, fosthom ta' Corpus, tal-Epifanija u l-festa tal-Qaddisin Kollha. Fil-Knisja l-irġiel kienu joqogħdu għalihom fil-kappelluni u n-nisa għalihom fil-korsija. Fil-festi kont issib is-siġġijiet kollha barra ħdejn il-bibien u int u dieħel tħallas xi ħaġa żgħira u jtuk siġġu. Il-Ħadd filgħaxija, wara l-kant tal-Vespri, l-kappillan kien jgħallem il-Katekiżmu lil numru mhux ħażin ta' adulti.

Billi ma kinux isiru konċelebrazzjoniet, kull qassis kien iqaddes għalih waħdu. Għalhekk f'xi funerali kienu joħorġu ħafna qassisin iqaddsu f'artali differenti. Xi wħud mill-preżenti kienu jdawru s-siġġu lejn dik il-Quddiesa li jiddeċiedu li jisimgħu, forsi ta' dak il-qassis li jdum l-anqas!

Minbarra dawk li baqgħu isiru, purċissjonijiet kien hemm aktar mil-lum. Biss, biss fir-raħal tagħna, Ħal Lija, l-istatwa tal-Madonna kienet toħroġ erba' darbiet taħt erba' titli differenti: tal-Karmnu, tal-Ward, tar-Rużarju u taċ-Ċintura. Nhar il-festa ta' Corpus jew tal-Ġisem tal-Mulej, kienu joħorġu żewġ purċissjonijiet, waħda filgħodu u l-oħra filgħaxija, u oħra fl-Ottava. Kienet issir purċissjoni oħra nhar il-festa tas-Salib Imqaddes. M'hemmx għalfejn ngħidu li numru kbir ta' rġiel, nisa u tfal kien jakkumpanja f'kull purċissjoni.

F'jum wara l-Għid il-Kbir il-kappillan flimkien mal-kleru kien imur ibierek iċ-ċimiterju tal-abbati. Dan l-abbati kien ħalla xi ġid lill-knisja parrokkjali.

L-aħħar Tqarbina ta' xi marid gravi jew Vjatku kienet issir b'mod solenni. Kienet titħabbar bit-tokki tal-qanpiena l-kbira u l-abbatini kienu jintbagħtu mill-iskola biex jakkumpanjaw b'fanal mixgħul f'idhom. Jekk ikun id-dlam ħafna, familji kienu jixegħlu xemgħa fit-tieqa bħala qima u rispett lis-Sagrament u biex jipprovdu nitfa dawl. Waqt li l-kappillan kien ikun ħdejn il-marid, dawk li jakkompanjaw kienu jibqgħu barra fit-triq ikantaw il-litanija tal-Madonna, u flok *Ora pro nobis* (Itlob għalina), kienu jgħidu *Ora pro eo* (Itlob għalih).

## It-tisjir

Saqsi lit-tfal illum x'jiġifieri spiritiera jew kuċiniera, u kun ċert li ma jkun jaf ħadd. Dari ħadd ma kien għadu ħolom isajjar bil-gass jew bl-elettriku. Meta kont tifel, is-sajran kien isir fuq kuċiniera tal-ftejjel. Kien hemm ta' ftila waħda, ta' bi tnejn u ta' bi tlieta. U kienu jinqdew bihom. Kienu jixegħlu bil-pitrolju. Tal-pitrolju kien jiġi jbigħ kuljum. Ma kienx għoli fil-prezz u kulħadd kien ikollu fid-dar il-landa tal-pitrolju tesa' xi gallun jew tnejn. Bie tillesti kont trid taħseb kmieni għax dawk il-kuċinieri ma kinux isaħħnu daqs il-gass tal-lum. Biex iħaffu jsajru jew jgħallu l-ħwejjeġ kienu jinqdew bil-kuċiniera msejħa tal-istim. Din kienet tixgħel bil-pitrolju wkoll imma b'sistema li dan kien jissaħħan u jsir gass qabel ma jixgħel. Kienet tagħmel ħafna ħsejjes. Kważi ħadd ma kellu forn id-dar, u nhar ta' Ħadd kont tara ħafna nisa sejrin il-forn fejn matul il-ġimgħa kien isir il-ħobż, imgħobbija b'dixxijiet bil-patata, laħam, imqarrun, ross u x'naf jien. Wara xi siegħa jew tnejn imorru għalihom u jħallsu lil tal-forn talli jkun sajjarulhom. Fi żmien il-gwerra ħafna familji ddubbaw landa tal-petrol tesa' erba galluni u minnha għamlu forn u kienu jsajru bil-ħatab għax il-pitrolju kien bir-razzjon u ma jservix għal kollox.

## Kliem it-tfal

Dari t-tfal kienu jgħixu ħajjithom ta' tfal li kienu u mhux isiru kbar qabel il-waqt bħal-lum. Il-ħajja għalihom kient misteru u tarahom jistagħġbu meta jsibu ruħhom quddiem il-ġdid. Saħansitra kellhom lingwa għalihom u ismijiet speċjali għal ħafna mill-affarijiet ta' madwarhom. Hekk kelb kien *tetu*; qattus isejħulu *pejxu*; tiġieġa *ziza*, u żiemel *tuttu* u fenek *muċċu*. Il-minestra kienet in-*nejna* u bajda *kukka* u l-ġobon *ġuġu*. Meta jaraw għaddejja karozza, li kienet tissajjaħ karozza tan-nar biex jagħrfuha minn dik miġbuda miż-żwiemel, jgħidu: "Ara *paqqa*!" – kelma aktarx ġejja mill-ħoss li kienet tagħmel il-magna. Mhux jorqdu kienu imma *jninnu* u x-xbihat ta' Ġesu' jew tal-qaddisin isejħulhom kollha *Bambin*. Kienu jieklu l-*pappa* flok ħobż u *jbumbu* l-ilma flok jixorbuh. Jekk ommhom jew missierhom kienu joħorġuhom għal xi passiġġata arahom sejrin *barbarr*. Id-dawl tax-xemx jew tal-bozoz tal-festa kien għalihom *xejxi*.

## Il-logħob

It-tfal u mqar il-kbar jilagħbu; hekk kien fl-imgħoddi u hekk għadu sal-lum u jibqa' għalli ġej. Imma l-kwalità jew xorta ta' logħob jinbidel maż-żmien u mal-iskoperti li jsiru minn żmien għal żmien. Sittin jew sebgħin

sena ilu ħadd ma kien għadu ħolom bil-kompjuter jew karozzi u ajruplani misjuqin permezz tar-radju jew kif ngħidu llum bir-*remote control*. Dari konna nagħmlu dak li konna nsejħulu skuter, speċi ta' biċċa njama fuq żewġ roti żgħar, bir-rota ta' quddiem imwaħħla ma' njama wieqfa b'maqbad fil-parti ta' fuq biex min isuq ikun jista' jilwi lejn il-lemin jew lejn ix-xellug skont kif jixtieq. Biex isuq ir-rikkieb kien iżomm sieq waħda fuq l-injama u jimbotta b'siequ l-oħra.

Logħba oħra kienet iċ-ċirku tal-ħadid misjuq minn biċċa fildiferru mgħawġa fit-tarf b'mod li biha dak li jkun jimbotta ċ-ċirku 'l quddiem waqt li jiġri kemm jiflaħ biex jasal l-ewwel qabel sħabu. Is-subien kienu wkoll jilagħbu bil-boċċi u l-bniet biż-żibeġ. Kont tara ħafna tfal jilagħbu barru fit-triq. Dak iż-żmien rari kienu jgħaddu karozzi ħlief xi karettun biż-żiemel jew ħmar. Niftakar li aktarx l-unika karozza li kienet titla' minn Triq il-Forn għal Triq il-Kunċizzjoni kienet dik ta' Monsinjur Debono. Kellha l-brejk barra fil-ġenb bil-maqbad tar-ram ileqq. Konna nitilgħu niġru warajha għax malli jasal u jinżel mill-karozza l-Monsinjur bien jiftaħ bott u jagħtina ħelwa kull wieħed. Biex naraw il-karozzi għaddejjin flimkien ma' ħafna żwiemel konna, nhar ta' Ħadd filgħaxija, mmorru sal-wied jew it-triq li tagħti għall-Mosta li konna nsejħulha t-triq is-sewda billi kellha kisja asfalt jew tarmak.

Matul ir-rebbiegħa u s-sajf kont tara jtiru numru mdaqqas ta' tajr tal-karti li aħna ta' Ħal-Lija konna nsejħulhom fjammi. Naħseb li dan il-passatemp inqata' meta fuq il-bjut bdew jintramaw l-arbli li jirċievu l-messaġġ tat-televixin. Niftakar li qatt ma kellna permess intajru l-fjamma minn fuq il-bejt minħabba l-periklu li naqgħu għal isfel, għalhekk missieri kien jeħodna lejn l-inħawi ta' tal-Mirakli. It-tajr konna nagħmluh aħna stess b'karti tal-kulur, akarx bandiera ta' Malta jew dik Ingliża li kienet aktar diffiċli biex tinħadem. Il-kolla nagħmluha minn ftit dqiq u ilma. Xi drabi konna nitilqu xi ittra mal-ħajt li jorbot it-tajra biex inkunu nistgħu nikkontrollowha. Din l-ittra kienet biċċa karta mtaqqba fin-nofs li kienet tibqa' tiela' t-tul kollu tal-ħajta. Niftakar li konna nagħmlu widintna mal-ħajta biex nisimgħu it-textix sa ma tasal sa fuq u, bi tbssima ngħidu, "Waslet!" Xi tajra li rnexxiet ġieli konna nżommuha minn sena għal oħra. Darba nikftakar kien daqsxejn tar-riħ u l-ħajta nqatgħet! It-tajra jew fjamma qabdet titbiegħed u titbaxxa sa ma kważi għosfrot u għamilniha b'mitlufa meta f'daqqa waħda bħal reġgħet qabdet tiela' 'l fuq mill-ġdid. X'kien ġara? Hu u għaddej jiġri, it-tarf tal-ħajt sab ġebla rqiqa ppuntata 'l fuq, fil-wiċċ ta' ħajt tas-sejjieħ, dar magħha u waqaf hemm. B'hekk stajt insalva t-tajra tiegħi biex nista' ntellagħha drabi oħra!

## Il-mixegħla tal-festa

Qabel ma nfirex il-kurrent elettriku mal-irħula, il-mixegħla fil-festi kienet issir biż-żejt. Il-faċċata tal-knisja, is-siġar il-kbar ta' fuq iz-zuntier u ħafna armar żgħir ieħor matul it-triq tal-purċissjoni kienu jinxtegħlu b'mijiet, biex ma ngħidx ukoll b'eluf, ta' lampi taż-żejt. Dawn kienu tazzi ta' lwien differenti mimlija biż-żejt u b'biċċa ftila fil-wiċċ fuq landa tistrieħ fuq tliet biċċiet sufra, li kollha flimkien kienu jissejħu ċimblor. Ma kinux jimlewhom kollha biż-żejt billi taħt iż-żejt kien ikun hemm saff ta' ilma. Trid tara dawk in-nies jixxabtu fuq xi sellum tal-ħabel jixegħlu dawn il-lampi! Konna ngħidu: "Dis-sena rnexxa d-dawl," jew, meta jinfoħ ir-riħ, "Dis-sena ma rnexxiex id-dawl!" In-numru kbir ta' dawn il-lampi kollha lwien, għalkemm id-dawl tagħhom ma kienx qawwi daqs dak tal-elettriku, kienu joffru atmosfera jew ambjent partikulari li ma ġġibu b'ebda mezz ieħor u ntilef għal dejjem.

Fil-festa kienu jisparaw dawk li konna nsejħulhom maskli – speċi ta' bottijiet żgħar tal-ħadid jew bronż mimlija bil-porvli u ftit xaħx ippressat fuqu b'miċċa ħierġa minn fuq. Kienu jagħmlu ħoss kbir li jinstema' mill-bogħod. Ħafna minn dawn ħdejn xulxin biex jisparaw wieħed wara l-ieħor kienu jissejħu serefut. Bejniethom kien jitqiegħed l-porvli biex in-nar jimxi minn wieħed għall-ieħor. Niftakar li kienu jagħmlu sellum twil biex ma jħallu lil ħadd jersaq qrib meta jingħata n-nar.

Murtali tal-kulur kienu jtellgħu ukoll, imma mhux daqs illum. Konna ngħidu għal-lejliet il-festa: "Għandhom tużżana l-lejla!" u nistennewhom bil-ħerqa. "Dawn jidhru li huma tal-Keziz, jew, dawn żgur ħadimhom il-Laċita...," kienu jgħidu d-dilettanti.

Għall-ħabta tal-festa kien jiġi jdur tat-terramaxka, kelma ġejja mit-Taljan *chitarra magica*. Din kienet bħal kaxxa fuq karettun miġbud minn ħmar b'mekkaniżmu jdoqq xi biċċa opra tal-widna. Mad-daqq kellha figurini jduru taparsi jiżfnu man-noti ħelwin waqt li s-sid kien idawwar manku kbir fil-ġenb tal-kaxxa biex iħaddem il-mekkaniżmu..

Nhar il-festa ma kienx jonqos tar-ritratti b'kaxxa daqsiex, biex min irid jersaq u jeħodlu ritratt. Kien iġorr miegħu barmil mimli bl-ilma mħallat bil-kimika u jiżviluppa r-ritratt dak il-ħin stess.

## Ilqugħ mis-sħana u l-kesħa

Fi tfuliti la kellna *heaters*, la *air conditioners* u lanqas fannijiet. L-irġiel kellhom il-palju u n-nisa l-imrewħa. Il-paljijiet kienu jnxtraw mingħand xi Tork ta' Tunes li kien jiġi jdur fit-triq jgħajjat: "Palju sold". Sold kien jiswa inqas minn ċenteżmu ta' ewro tal-lum. Dawn it-Torok lilna t-tfal kienu

jbeżżgħuna bihom meta noqogħdu mqarbin: "Oqgħod kwiet għax nigżak lit-Tork". Jew: "Ara ġej għalik it-Tork". Dan għaliex xi tfal kienu jgħajru lil dawn it-Torok bir-reliġjon tagħhom, u mhux l-ewwel darba dawn kienu jiġru warajhom biex ikeċċuhom 'l hemm. Kienu jiġu Malta biex jaqilgħu xi sold billi f'pajjiżhom ma tantx kienu jsibu xogħol. Kienu jħobbuha lil Malta u mhux l-ewwel darba li kienet toħorġilhom: "Malta ħanina, ħobża u sardina" billi hawn almenu kienu jaqilgħu x'jieklu.

## It-trasport

Meta konna tfal it-toroq kienu jkunu miżgħuda bil-karozzini u karettuni misjuqin minn ħmir, żwiemel u dwieb. Kienu jġorru kull xorta ta' tagħbija, ibda minn ħobż u ħaxix sa ġebel għall-bini. Dari min jibni kien jibni daru u mhux xi skoss flettijiet għan-negozju. Il-mejtin kienu jinġarru lejn il-knisja u ċ-ċimiterju fuq karrijiet miġbudin minn żewġ żwiemel li kienu jissejħu parilja. Is-sewwieq kien jilbes l-iswed u fuq rasu kien jilbes tomna jew kappell għoli iswed. Iż-żwiemel kienu jagħmlulhom rixa sewda fuq rashom.

Il-karettuni li jġorru l-ġebel kienu ta' saħħa bi strixxi tal-injam oħxon. Għat-telgħa l-burdnar kien jinżel u erħilu jintefa' mal-lasta jinbotta l-karettun biex iħaffef kemm jista' l-ġibda tal-bhima li kienet aktarx tkun debba ta' saħħa.

Min kien ikollu bżonn imur sal-Belt jew sa San Pawl il-Baħar għall-villeġġjatura, kien jikri karozzin. Fi triqtu lejn San Pawl, hekk kif jasal fil-bidu tan-niżla ta' San Ġużepp, il-kuċċier kien iniżżel lin-nies li jkollhom ikomplu l-vjaġġ bil-mixi sat-tarf tan-niżla biex l-bhima tħossha aktar komda. Kienu jagħmlu l-istess fi triqthom lura meta n-niżla tinbidel f'telgħa!

M'hemm għalfejn tgħid x'kienu jħallu warajhom dawn il-bhejjem kollha. Mhux ta' b'xejn li, l-aktar fis-sajf, id-dubbien kien hekk numeruż u ta' dwejjaq għal kulħadd.

## Il-bejjiegħa

Dari ma kienx ikun hemm ħtieġa tmur sal-ħanut biex tixtri dak li tiekol jew li teħtieġ. Kienu jiġu ħafna jbiegħu minn kollox fuq karettuni, jgħajtu biex jisimgħuhom in-nisa minn djarhom u joħorġu jixtru. Kien jiġi tal-imluħa jbigħ it-tonn, l-inċova, il-bakkaljaw, iż-żebbuġ u l-immarinat, kollox immellaħ. U ma rridx ninsa l-aringi li kienu tant iqanqlulek aptit. Illum nibżgħu mill-melħ għax sabu li jtella' l-pressjoni! Kien jiġi tal-ħobż ibigħ bl-użin u sa ġonta kien jaqtagħlek bħala żjieda jekk il-ħobża li jtik tkun nieqsa mill-piż!

Kont tisma' lil dak li jbigħ it-tut jgħajjat: "Żabbarija t-tut!" jew lill-ieħor ibigħ ir-rizzi u l-gandoffli jiftaħar kemm kienu friski. Minn ħdejn il-bieb tad-dar kont tista' tixtri l-ħalib dritt minn waħda mill-mogħożiet li kienu jduru mat-toroq tar-raħal immexxija minn sidhom. Tista' timmaġina kemm kienu jħallu warajhom numru ma jingħadx ta' ċertu 'żibeġ' iswed li jkompli jħammeġ it-triq. Tal-ħaxix kien jiġi wkoll u l-mara tad-dar erħilha tagħżel dak li kellha bżonn għall-minestra. B'sold kont tixtri l-ħaxix għall-minestra. Dawn il-bejjiegħa kollha kellhom l-għajta partikulari tagħhom tinstema' ġejja mill-bogħod.

Fir-raħal kellna żewġ landiera fi Triq Sant' Andrija: Salvu u Ninu (li miet meta ġiet bomba tal-gwerra fuq daru). Imma kultant kien jitfaċċa landier li jarma f'xi kantuniera u kull min kien ikollu xi kazzola mtaqqba, jew bott tal-landa li jrid jagħmillu maqbad, jew widna biex iservi flok kikkra, kien jeħodhomlu biex isewwihom jew jaħdimhom. Niftakar li kien jixgħel spiritiera tal-istim biex isaħħan fuqha s-saldatur li bih iħoll l-istann u japplikah fuq il-post fejn irid isewwi jew jimla. Xi kultant kien jitfaċċa dak li jsinn l-imqassijiet u s-skieken. Aħna t-tfal konna nistagħġbu narawh jagħfas b'siequ fuq pedala biex idawwar rota tqila li kienet iddawwar ġebla tonda taż-żnied. Minn bejnha u minn bejn ix-xafra tas-sikkina jew imqass kienu joħorġu xrar tan-nar u minn vit ċkejken kienu joħorġu qtar tal-ilma biex ix-xafra ma tisħonx iżżejjed.

## It-tallaba

Kien żmien ta' faqar u mat-triq kont tiltaqa' ma' tallaba jitolbu l-karità, aktarx kollha rġiel, għalkemm xi mara jew tnejn ma jonqsux. Kollha kellhom il-ġurnata tagħhom u konna nagħrfuhom bħala 'dak ta' nhar ta' Erbgħa' jew 'dak ta' nhar ta' Ġimgħa'. Iħabbtu l-bibien ta' dawk biss li s-soltu kienu jagħtuhom xi ħaġa tal-flus. Niftakar li fuq il-kuxbiena tal-bieb ta' barra konna nlestu xi soldi u sittiet – muniti żgħar ta' dak iż-żmien – biex ikunu lesti għal meta jiġu jħabbtu dawn t-tallaba. Meta ttihom dik il-biċċa flus kienu jirringrazzjawk u jaqbdu jgedwdu xi talb l-aktar dak għall-erwieħ tal-Purgatorju. Illum, grazzi għall-pensjonijiet li kulħadd b'xi mod jew ieħor jirċievi, dawn it-tallaba nqatgħu għal kollox, anzi hu pprojbit mil-liġi li xi ħadd joħroġ jittallab fit-triq.

## L-istrina

Meta kont għadni tifel rari kienu jagħtu rigali għall-Milied, imma nhar l-Ewwel tas-Sena kienet tingħata l-istrina lit-tfal, jiġifieri xi flus miz-zijiet

jew nanniet. Ħafna drabi din l-istrina kienet tikkonsisti f'xi sitt ħabbiet u nifirħu meta naqilgħu sold jew l-aktar munita bajda tleqq tiswa sitt soldi jew sikspenz, mill-Ingliż *sixpence*. Konna aktarx nonfquhom fix-xiri tal-boċċi jew pasturi għall-presepju. Dawn il-pasturi kienu jkunu tat-tafal u jinxtraw sold il-wieħed jew anqas ukoll. Tista' taħseb kemm kien ikollhom wiċċhom sabiħ!

Dawn u ħafna tifkiriet oħra kienu jimlew il-ħajja ta' tfulitna. Kienet ħajja aħjar jew agħar minn tal-lum? Ma nistax ngħid ħlief li dak li kien ma jerġax jiġi u minnu baqa' biss tifkiriet għal min jibqa' ħaj. Naf biss li dari l-bniedem kien jieħu żmienu sakemm jikber u jimmatura, waqt li llum il-bniedem donnu jikber u jimmatura qabel il-waqt. Dan progress? Hekk jissejjaħ. Iżda l-progress dejjem jeħodlok xi ħaġa biex jagħtik xi ħaġa oħra. Nittama li din ix-xi ħaġa ġdida tkun aħjar minn dik li jeħodlok. U l-progress ma jwaqqfu ħadd. Almenu hekk nismagħhom jgħidu!

